MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2005

Citazzjoni Numru. 54/2005

**Victor Xerri u martu Helen Xerri**

**-vs-**

**Joseph u Josephine konjugi Sultana**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew illi huma kienu selfu ammont ta' tmint elef lira (Lm8000) lill-konvenuti fl-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), liema debitu gie rikonoxxut bis-sahha ta' skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) Dokument A.

Illi skond l-istess skrittura privata d-debituri, u cioe' l-konvenuti odjerni obbligaw rwiehhom li jirrestitwixxu l-istess somma ta' tmint elef lira (Lm8000) sa zmien xahar minghajr imghax u f'kaz ta' morozita fil-pagament, jibdew jiddekorru awtomatikament imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena favur il-kredituri, u dan salv id-dritt tal-kredituri li jesigu l-hlas immedjat tas-somma mislufa;

Illi huwa ghalhekk dovut is-somma ta' erba' mija u sitta u ghoxrin lira imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena ta' tmien xhur u precizament mill-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha sal-erbatax (14 ) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005).

Illi ghalhekk sal-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa l-ammont totali dovut huwa ta' tmint elef erba' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm8426);

Illi dan id-debitu hu wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jqajmu ghat-talba illi dan il-kreditu ta' l-atturi jithallas.

Talbu li din il-Qorti;

1. taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tiddikjarahom debituri fil-konfront ta' l-atturi fl-ammont komplessiv ta' tmint elef erba' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm8426) oltre interessi fuq l-istess somma b'effett mill-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena korrenti;

3. tikkundannahom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' tmint elef erba' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm8426) oltre interessi fuq l-istess somma b'effett mill-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena korrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-ghoxrin (20) ta' Mejju 2005 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ingunti.

Bl-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-ghaxra (10) ta’ Gunju 2005.

Rat illi l-konvenuti minkejja li debitament notifikati bic-citazzjoni u bid-data tas-smiegh tal-kawza ma dehrux.

Semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament illi d-debitu ghadu dovut fl-intier tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Billi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati:

Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta’ l-atturi fl-ammont komplessiv ta’ tmint elef erba’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin oltre interessi fuq l-istess somma b’effett mill-14 ta’ Gunju tas-sena korrenti.

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta’ tmint elef erba’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm8426) oltre interessi fuq l-istess somma b’effett mill-14 ta’ Gunju tas-sena korrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-ghoxrin ta’ Mejju 2005 u ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-ghaxra ta’ Gunju 2005 kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------